# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 9 ta' Marzu, 2001.**

**Numru 28**

**Citaz. Nru. 2005/01GV**

**Mario u Maria Dolores Parnis**

**vs**

**Saviour Bonello**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-konvenut huwa debitur a favur tal-atturi fis-somma ta' hamest elef u tlett mitt lira Maltin (Lm5,300) rappresentanti self maghmul mill-atturi a favur tal-konvenut u dan skond diversi kuntratti ta' self maghmulin bejn l-atturi u l-konvenut liema ammont huwa dovut issa.

Premess illi l-konvenut baqa' jirrifjuta li jhallas l-istess ammont nonostante li kienu sarulu diversi interpellanzi;

Premess illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-artikolu 167-170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li dan id-dejn huwa wiehed cert, likwidu u dovut u l-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet x'jaghti kontra t-talba tal-hlas tal-istess dejn;

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti:

1. Tiddecidi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond l-artikoli 167-170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' hamest elef u tlett mitt lira Maltin (Lm5,300) rapprezentanti self maghmul mill-atturi a favur tal-konvenut liema self ghadu ma thallasx, peress li huwa dovut.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' mandat ta' sekwestru kontra l-istess konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tal-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lil konvenut li pprezenta nota ta' eccezzjonijiet a fol. 14 tal-process;

Semghet ix-xhieda ta' l-attur;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Tiddecidi billi tilqa' t-talba tal-atturi kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**